MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 551/2013

GO **p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Anderson Ryan (K.I. 47614A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u sittin ewro u disa' centezmi (€867.09) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40075809), u li jinkludi telefown 21572308; servizz ta' televizjoni 1425074017 u 1425091768, u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 27 t'Ottubru, 2009; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 555/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta' Marzu 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 5 ta' Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' s-somma ta' tmien mija u sebgha u sittin ewro u disa' centezmi (€867.09) u dan bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 555/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta' Marzu 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------